**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 170/18 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet zzewgu nhar it-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elf disa mija u hamsa u sebghin (1975) (**kopja tac-certifikat taz-zwieg annessa u mmarkata bhala Dokument "SB1")**;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) itfal ossia Jennifer u Tracy ahwa Burke li illum huma maggorenni u addirittura mizzewgin.

Illi permezz ta' kuntratt datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-atti tan-Nutar Alexandra Micallef, sehhet il-firda personali bejn il-partijiet u giet tterminata u llikwidata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet (**Kopji legali annessa u mmarkata bhala dokument 'SB2'**).

Illi skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni ma hemm l-ebda manteniment dovut mir-rikorrent lill-intimata u ghalhekk la jista jkun hemm u lanqas ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti mir-rikorrent lill-intimata.

Illi ghaddew 'l fuq minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab in vista tal-premess, intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru` Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata a fol. 17 tal-process, li permezz taghha iddikjarat :

Illi hu minnu li l-partijiet kienu zzewgu fit-13 ta' Novembru, 1975 fejn minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) itfal li jisimhom Jennifer u Tracy li llum huma maggiorenni.

Illi huwa minnu li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku li sar quddiem in-Nutar Alexandra Micallef fis-27 ta' Gunju 2011.

Illi huwa minnu li l-partijiet ilhom separati l-fuq minn erba` (4) snin u li m'hemm ebda tama li jirrikonciljaw, iktar u iktar meta l-istess rikorrent hu f'relazzjoni ma' terzi u li fil-fatt hu stess ikkawza dawn il-problemi matrimonjali.

Ghaldaqstant l-esponenti taqbel li jkun hemm id-divorzju imma tinsisti li hi tibqa' zzomm il-kunjom "B" bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Il-Qorti ghalhekk tordna illi l-intimata tibqa zzomm il-kunjom “Burke”;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ April, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta’ Gunju 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.